

# San Ġorġ Preca u d-Devozzjoni lejn il-Madonna

kitba ta' John Formosa

San Ġorġ Preca, bħal qaddisin kollha, kellu mħabba kbira lejn il-Madonna, li kien iħobb isejħilha "Il-Verġni Mbierka". Xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejha kemm permezz tal-priedki, kif ukoll permezz tal-kitba tiegħu.

## Devozzjonijiet ġodda Marjani

Dun Ġorġ "ħoloq" devozzjonijiet ġodda lejn il-Madonna, minbarra dawk diġà mxerrdin fost il-poplu nisrani, bħalma huma r-Rużarju, il-Labtu tal-Karmnu u l-Midalja Mirakoluża.

Dawn id-devozzjoijiet ġodda ta' Dun Ġorġ lejn il-Madonna huma:

(a) **It-Tliet Inkini** f'ġieħ it-tliet privileġġi kbar li hija rċeviet mit-Trinità Qaddisa. L-ewwel inkin f'ġieħ it-tnissil tagħha bla tebgħa; it-tieni inkin f'ġieħ id-dinjità kbira tagħha meta saret Omm l-Iben ta' Alla; it-tielet inkin f'ġieħ it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Kien jgħid li min isellem lill-Madonna b'dawn it-tliet inkini żgur li jirċievi min għandha l-barka tagħha.

(b) Id-devozzjoni lejn il-**Madonna tal-Verbum Dei**. Hu nnifsu qabbad lill-pittur Rafeli Calì biex ipitter xbieha tal-Madonna taħt dan it-titlu, li turiha filwaqt li hija qiegħda taċċetta li tkun Omm Alla. Fuq sider il-Madonna ried li jkun hemm il-kelmiet *Verbum Dei Caro Factum Est*. Aktar tard Dun Ġorġ fuq xbieha oħra tal-Madonna taħt l-istess titlu kiteb il-kelmiet *Terror Daemonum*, li bil-Malti jfisser: Waħx id-Demonji.

(ċ) Fl-aħħarnett Dun Ġorġ fl-1957 - preċiżament ħamsin sena ilu - ħareġ bl-idea li fir-Rużarju jibdew jingħaqdu ħames posti ġodda marbutin mal-ħajja pubblika ta' Ġesù. Dawn sejħilhom il-*Misteri tad-Dawl*, li aktar tard, jiġifieri fis-16 ta' Ottubru 2002, il-Qaddej ta' Alla Ġwanni Pawlu II xandarhom mad-dinja kollha u sejħilhom ukoll Misteri tad-Dawl.

## Devozzjoni Vera

Huwa ħalla miktub li dawk li għandhom vera devozzjoni lejn Marija żgur isalvaw ruħhom wara mewthom. Anzi kien jgħidilna biex nagħmlu ċerta s-salvazzjoni ta' ruħna permezz ta' vera qima lejha.

Imma Dun Ġorġ kien jenfasizza l-kelma "vera", għax, kien jgħid, li ħafna jgħidu li huma devoti tal-Madonna imma fil-fatt ma jkunux. Hu stess ħalla miktub li l-veri devoti tagħha jħabirku biex jitbegħdu mid-dnub li joffendi lil Binha Ġesù, u li jsiru jixbhuha fil-virtujiet tagħha. Il-kliem eżatt tiegħu huwa dan: "Dawk kollha li se jsalvaw ruħhom huma l-ulied spiritwali ta' Marija, u lilha junuraw fid-dinja b'qima vera, jiġifieri b'qima mill-qalb, b'qima qaddisa kollha stmerrija lejn id-dnub, u kollha għożża għall-virtujiet." (Cf. Inasju Spiritwali, n. 74)



Ikompli jgħid: "Ikun tassew junura u jigglorifika 'l Marija min jirrikorri lejha għall-għajnuna biex jirbaħ l-għedewwa ta' ruħu, u biex isib permezz tagħha l-ħniena ta' Alla għad-daħla fil-glorja eterna u żgura."

## Konklużjoni

Ejjew inkunu devoti tassew tal-Verġni Marija u din id-devozzjoni nuruha billi nwarrbu d-dnub minn ħajjitna u billi nfasslu l-ħajja tagħna fuq dik ta' Marija, jiġifieri nimitawha fil-virtujiet tagħha.

www.santamarijaghaxaq.com